# LECTIO DIVINA

## It-III Ħadd tal-Għid
Sena B
**Lq 24, 35-48**

**Kuntest:**
Ir-rakkont isegwi l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws. Żewġ dixxipli, wieħed anonimu, jitbiegħdu minn Ġerusalemm. Se jerġgħu lura lejn "l-Eġittu" ta' ħajjithom, għax il-qawwa tad-deżert li nfetaħ quddiemhom bil-mewt ta' Ġesù tfiet kull ħjiel tal-wegħda tal-ħelsien.

Qegħdin fil-kuntest tal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet: minn banda, il-biża' u d-disfatta tal-mewt ta' Ġesù; mill-banda l-oħra, in-novità assoluta tal-qawmien u d-dehriet. Il-kuntrasti bejn l-opposti – fidi u dubju, ferħ u biża' – jibqgħu jikkaratterizzaw il-mixja tad-dixxipli. Quddiem il-preżenza "ġdida" ta' Ġesù fil-qsim tal-Kelma u l-Ewkaristija, id-dixxipli "jerġgħu lura", did-darba mhux lejn il-passat, imma biex jibdew xi ħaġa ġdida, imqawwija miċ-ċertezza li "Hu ħaj" u qalbna mimlija ħeġġa għaliH.

B'dan ir-rakkont, Luqa jurina kif il-Mulej irxuxtat għadu ħaj fostna u b'liema mod nistgħu niltaqgħu miegħu llum. Iż-żewġ dixxipli-pellegrini huma sinjal tal-Knisja, li "tinżel f'riġlejn il-Mulej tisimgħu" u titmantna bl-ikel tiegħu, biex permezz tagħhom titkompla l-missjoni ta' Kristu fid-dinja. Il-laqgħa mal-Mulej Ġesù, fl-ikla tal-Kelma u tal-Ewkaristija, tibdel il-qalb tad-dixxipli/tal-komunità. Id-dixxipli, f'rabta ma' Pietru...u mal-Ewwel Jum tal-ħolqien il-ġdid, minn Ġerusalemm – mnejn bdiet il-ġrajja tal-Qawmien – joħorġu jagħtu xhieda ta' Dak li bidlilhom ħajjithom u kellem lil qalbhom.

"Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem… Hemmhekk hi twieġeb bħal fi żmien żgħożitha, bħal fi żmien ħruġha minn art l-Eġittu." (Ħos 2:16-17)... Jeħtieġ inħallu lill-Mulej joħroġna fid-deżert u jkellem b'mod dejjem ġdid lil qalbna. Nistgħu nkunu nafu l-Iskrittura bl-amment... imma qalbna tibqa' bla ħeġġa. Nistgħu naqsmu l-ħobż... imma għajnejna jibqgħu magħluqin.

**35 iż-żewġ dixxipli li reġgħu lura Ġerusalemm minn Għemmaws kienu qegħdin itarrfu lill-Ħdax u lil dawk li kienu magħhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.**

Minkejja li "il-jum kien wasal biex jintemm", issa f'qalb id-dixxipli hemm id-dawl. Id-dalma tal-lejl, li kienet ħakmithom fil-mewt ta' Ġesù, issa hi mirbuħa, għax id-Dawl jinsab f'qalbhom. Daħlu fil-jum li ma jintemmx, fejn il-Musbieħ hu l-Ħaruf (ara Apok 21:23)... f'kuntrast mal-Belt il-Kbira, li fiha la hemm għana ta' ferħ u lanqas id-dawl tal-musbieħ (ara Apok 18:22-23). Minkejja t-tul tal-vjaġġ u l-għejja, id-dixxipli huma mimlija saħħa, għax imtlew bil-"ħobż maqsum", li fejjaq il-ġrieħi tagħhom u għamilhom ħolqien ġdid, għax għaddew mill-mewt għall-ħajja (ara Ġw 5:24; Rum 6:13; Ef 2:5; 1 Ġw 3:13).

L-esperjenza tal-fidi tħaddan żewġ dimensjonijiet: il-ġrajja personali u l-ġrajja ekkleżjali. Permezz taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, memorjal ta' Kristu ħaj, kull dixxiplu jingħaqad f'katina waħda ma' dawk li raw b'għajnejhom u messew b'idejhom il-ġisem ta' Kristu rxuxtat. Mill-istess Kelma-Ewkaristija, id-dixxipli issa jsiru dixxipli-missjunarji, li minn Ġerusalemm jixterdu mad-dinja kollha jagħtu l-Aħbar it-tajba tal-qawmien. Kull dixxiplu li ltaqa' ma' Kristu u qalbu mtliet bil-ħeġġa, issa jsir kum-pann ta' dixxipli oħra biex huma wkoll jagħmlu l-istess esperjenza tal-Kelma u tal-Ħobż maqsum.

**36 Kif kienu għadhom jitkellmu, Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" 37 Huma twerwru bil-biża' għax ħasbu li qegħdin jaraw xi fantażma.**

Min għajnejh magħluqa, min qalbu bla ħeġġa, jista' jiġrilu bħal-Lhud fid-deżert, li ma jindunax li l-Mulej miexi miegħu u jinsab f'nofsu (ara Eż 17:7 - U l-post semmewh: 'Massa u Meriba', għax hemm tlewmu wlied Iżrael u ġarrbu lill-Mulej meta qalu: "Il-Mulej fostna jew le?").

Id-don tas-sliem hu l-milja tad-doni kollha. "Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna - il-mibegħda ta' bejnietna - u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-Liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha" (Ef 2:14-15). Is-sliem, flimkien mal-grazzja, hi t-tislima li biha jkellimna Alla l-Missier tagħna u l-Mulej Ġesù Kristu (ara 2 Kor 1:2). Is-sliem hu d-don tal-Ispirtu, li jirċevih min jaf iħobb lil Kristu (ara Ġw 14:27ss).

Alla tagħna jismu "sliem"; hu Alla li jneħħi l-biża' u jagħti l-ħajja, dak li juri wiċċu lill-qaddejja tiegħu li jafdaw fih (ara Mħal 6:24; Ġen 3:10). Is-"sliem" hu l-għanja ta' Alla fuq l-umanità, hu l-bewsa li biha jħaddanna mill-bidu sal-aħħar tal-eżistenza tagħna: is-sliem li tkanta mill-Anġli f'Betlem, issa jerġa' jitkanta minn Kristu rxuxtat fuq id-dixxipli miġbura flimkien.

L-istess sliem isir il-bewsa tal-paċi li d-dixxipli jagħtu lil xulxin fil-liturġija tal-quddiesa, qabel it-tqarbin... mhux aktar dik taċ-ċaħda ta' Ġuda, imma tal-aħwa miġbura flimkien għall-qsim tal-ħobż (ara Rum 16:16; 1 Kor 16:20; 2 Kor 13:12; 1 Tess 5:26; 1 Piet 5:14)

**38 Iżda hu qalilhom: "Għaliex tħawwadtu? Għaliex dan it-tħassib kollu f'qalbkom?**
Minkejja kollox, jippersisti l-biża' f'qalb id-dixxipli. Fejn hemm il-biża' għad m'hemmx imħabba sħiħa għax "fl-imħabba ma hemmx biża'; l-imħabba sħiħa tkeċċi l-biża' 'l barra, għax il-biża' għandu x'jaqsam mal-kastig. Min jibża' għadu ma sabx il-milja ta' l-imħabba. Aħna nħobbu, għax hu ħabbna l-ewwel." (1 Ġw 4:18-19)

X'inhu li jħawwadna u li jbeżżagħna bħalissa quddiem Kristu? X'hemm moħbi f'qalbna li ma jħalliniex inkunu ħielsa quddiemu? Li ma jħalliniex inħobbu bil-ferħ?... Il-Mulej għandu l-qawwa li jibdel xortina, anke meta nkunu mjassra: "Biddel, Mulej, xortina... Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ jaħsdu bl-għana ta' ferħ." (ara Salm 126). Forsi għadna ma nistgħux nintebħu li l-Mulej irid joħloq fina smewwiet ġodda u art ġdida (ara Is 65:17).

**39 Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni, u ifhmuha li l-ispirtu ma għandux laħam u għadam bħalma qegħdin taraw li għandi jien." 40 Huwa u jgħidilhom dan, uriehom idejh u riġlejh.**
Il-marki tal-imsiemer huma l-marki tas-salib... imma jibqgħu wkoll il-marki tal-Irxoxt. Is-sinjali li qabel fissru t-tbatija, issa jsiru s-sinjali tar-rebħa. Il-Mulej Ġesù, il-"Jiena Hu" divin, "tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza" (Lhud 5:8): hekk seta' jilħaq il-perfezzjoni. Kif id-deheb u l-fidda jissaffew fin-nar (ara Prov 17:3), hekk il-qalb tagħna jeħtieġ tiġi ppurifikata mill-Mulej: anke jekk ngħaddu min-nar, ma ninħarqux (ara Is 43:2-3); anke jekk jippruvana bħall-fidda, il-Mulej ma jħalliniex nogħtru (ara Salm 66:9-10).

Il-"Jiena hu" li deher lill-Appostli, jeħtieġ isir il-"Mulej tiegħi u Alla tiegħi." Aħna wkoll imsejħin immissu **lil** Ġesù, biex immissu **ma'** Ġesù... fil-ħafna manifestazzjonijiet tiegħu: fil-Kelma, fl-Ewkaristija, fit-talb, fis-servizz, f'dawk li għandhom l-istess pjagi ta' Kristu. Dawn huma kollha parti mis-"sehem it-tajjeb" li għażlet Marija meta niżlet f'riġlejn il-Mulej tisimgħu. Jekk nersqu mmissuH, il-Mulej ukoll imiss magħna (ara Ġak 4:8). Il-mess hu l-uniku sens li joħloq reċiproċità immedjata: tmiss u tintmess fl-istess ħin minn min tmiss miegħu.

Luqa jinsisti ħafna fuq il-ġisem veru ta' Ġesù rxuxtat, f'polemika mal-ambjent Grieg, li kien jemmen fl-immortalità tar-ruħ iżda mhux fuq il-qawmien tal-ġisem (ara Atti 17:32 - "Malli semgħu kliemu fuq il-qawmien mill-imwiet, xi wħud minnhom bdew jidħku"). Kull esperjenza Kristjana, kull azzjoni salvifika, kull ħidma pastorali, kull relazzjoni ma' Kristu timplika t-totalità tal-persuna umana u tal-esperjenza tal-bniedem. Quddiem Kristu nġorru dak kollu li hu aħna u dak kollu li hu tagħna. Jekk tassew inħobbu lil Kristu, xejn m'għandna naħbu minnu, anqas id-dnubiet tagħna jew il-biża' tagħna (ara Lhud 4:13)

[41] **Iżda billi huma, fil-ferħ tagħhom, kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba, qalilhom: "Għandkom xi ħaġa tal-ikel hawn?"** [42] **Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija,**[43] **u hu ħadha u kielha quddiemhom.**

Il-ferħ, bħall-biża', iħallina bla kliem. Il-ferħ hu qabel xejn atteġġjament interjuri, ta' min jaf li hu maħbub, ta' min ġarrab il-"passjoni" ta' Kristu, ta' min intmess mill-imħabba (ara Mt 8:15; 9:29; 17:7; 20:34; Mk 1:41; Lq 5:13; 22:51...). Biżżejjed immiss mat-tarf tal-mantar tiegħu biex nieħdu ħajja ġdida (ara Mt 14:36; Mk 3:10; 6:56...)

Dan l-atteġġjament intimu mal-Mulej jieħu wkoll il-forma ta' ikla, tant tipika ta' Luqa: toqgħod madwar il-mejda mal-Mulej biex **tiekol miegħu**... biex **tiekol minnu**. Ġesù hu l-ħuta mtellgħa mill-qiegħ tal-art li bil-mewt tiegħu tana l-ħajja; hu l-ħuta "mixwija/issagrifikata" fuq l-altar ta' salib aħrax ("in ara crucis torridum" – mill-innu tal-għasar ta' żmien l-Għid). Kull ikla tieħu tifsira ewkaristika.

[44] **Mbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.'!"** [45] **Mbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura.**[46] **U qalilhom: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet,**[47] **u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.**

Bħall-ktieb tad-Dewteronomju, li jiftaħ bil-"kliem-testment" ta' Mosè, hekk issa Kristu, Mosè l-ġdid se jħalli l-kelma-testment tiegħu lid-dixxipli. "Qabel" kien fiżikament preżenti mal-Appostli u d-dixxipli; "issa" se jsir preżenti mod ieħor: il-Kelma tiegħu, l-Iskrittura, issir il-preżenza ħajja tiegħu, għax kull ma hemm fl-Iskrittura jitkellem minn Ġesù (ara Ġw 5:46).

Min irid jiltaqa' mal-Mulej u jidħol fil-ġrajja tal-Għid, jeħtieġ joqgħod f'riġlejn il-Kelma. Jeħtieġ inħallu l-Kelma tiftħilna moħħna; jeħtieġ niftħu moħħna għall-Kelma. Qabel jixxandar il-Vanġelu fil-quddiesa, is-saċerdot jgħid: "Mulej, naddafli qalbi u fommi biex inxandar sewwa l-Evanġelju mqaddes tiegħek." Jeħtieġ immorru lil hemm mill-ġest liturġiku, u nħallu l-Kelma tkompli tagħmel din l-azzjoni magħna f'ħajjitna. Jeħtieġ inħallu l-Kelma tiegħu titnissel f'qalbna biex nagħrfu dak li Alla lesta għalina jekk inħobbuh (ara 1 Kor 2:9). Jeħtieġ inneħħu kull velu li jostor qalbna mill-Mulej (asra 2 Kor 3:15). Jeħtieġ li l-Kelma ma nħalluhiex 'il bogħod minnha, imma tkun f'fommna u f'qalbna biex nagħmluha (ara Dewt 30:12-14).

Kristu msallab u rxuxtat isir il-muftieħ u s-sinteżi tal-Iskrittura kollha. Fl-Imsallab hi murija l-ħniena infinita ta' Alla: dik l-istess ħniena li ssir il-kontenut tal-messaġġ tal-Għid li d-dixxipli huma mibgħuta jxandru u jagħtu xhieda għaliha fid-dinja. Imma biex dan iseħħ, id-dixxipli jridu jirritornaw dejjem mill-ġdid lejn Kristu msallab – jisimgħu l-kelma u jieħlu l-ikel – biex qalbhom timtela dejjem b'ħeġġa ġdida u għajnejhom jinfetħu għad-dawl (Is 55:3 – "Agħtuni widen u ersqu lejja, isimgħu u tieħdu r-ruħ.")

Kull ħidma evanġelika li jwettaq id-dixxiplu ssir f'isem Kristu. Hekk il-kelma mxandra ssir kelma ħajja llum, fil-ħajja tad-dixxipli li jitmantnew biha. Hu biss meta d-dixxiplu jimtela' biH li l-kelma tad-dixxiplu ssir l-istess bħal tal-Imgħallem u jkollha l-qawwa li tevanġelizza u tħeġġeġ il-qlub ta' tant oħrajn. Mingħajr imħabba, mingħajr "il-ferħ tal-Vanġelu", il-ħidma tad-dixxiplu-missjunarju ma tistax tagħti frott.

[48] **Intom xhud ta' dan.**

Ix-xhud, bil-Grieg *mártyr*, ifisser wieħed li jiftakar, li jagħmel memorjal... tal-Kelma. Id-dixxiplu "jiftakar" fl-Imgħallem: iżommu mdendel quddiem għajnejh u f'qalbu, u jgħix marbut miegħu kuljum. Hekk iseħħ mill-ġdid, fil-ħajja ta' kull dixxiplu fl-istorja, il-preċett il-kbir tal-imħabba (Dewt 6:4-9).